L-Ospizio
Fuljett maħruġ mil-Librerija Louis Grech, l-Ospizio, Floriana
Id-disa' u għoxrin ħarġa: Marzu – April 2005

# (3) Niltaqgħu mas-Surmast Philip Gatt

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Philip Farrugia, student tal-klassi 2B li jattendi l-iskola tal-Ospizio fil-Furjana jiġi minnannuh, Mro. Philip Gatt, surmast Żebbuġi li għex fil-qalba tas-seklu għoxrin u li ħallielna ħafna xogħlijiet sbieħ għall-banda. Permezz ta' zitu Helen Farrugia Gatt, bint is-surmast, ser insiru nafu ftit aktar dwar in-nannu ta' Philip. L-artikolett tiegħi 'Niltaqgħu mas-Surmast Philip Gatt' kien deher f'paġna nru 2 tal-fuljett 'L-Ospizio', Għadd 29, Mar. – Apr. 2005.

Kliem muftieħ: Ospizio (Furjana), Skola Sekondarja Subien Lorenzo Manchè, Mużika, Edukazzjoni, Mro. Philip Gatt.

Dat-tagħrif huwa miġbur minn Helen Farrugia Gatt, il-bint iż-żgħira tas-Surmast Philip Gatt. Helen tiġi z-zija ta' Philip Farrugia tal-klassi 2B. Fil-fatt, lil Philip semmewh bħal nannuh is-Surmast. Kien Philip stess li ħajjar liz-zija Helen biex tikteb dwar missierha bit-tama li jsir jaf aktar min kien sewwa sew nannuh. Dat-tagħrif imbagħad xtaq jaqsmu flimkien ma' sħabu tal-klassi permezz tal-fuljett 'L-Ospizio'.


Is-Surmast Żebbuġi Philip Gatt (1927-1995)

Is-Surmast Philip Gatt twieled f'Ħaż-Żebbuġ nhar it-12 ta' Settembru 1927. L-ewwel tagħlim tal-mużika ħadu mingħand missieru stess, is-Surmast Adeodato Gatt (1898 – 1966). Huwa kompla jistudja għand is-Surmast Carmelo Pace (1906 – 1993) u kiseb l-ogħla diploma. Issokta bl-istudji tiegħu f'Londra taħt il-professur N. Richardson u kkwalifika għad-diploma ARCM[1] (*bandmaster*) fl-*RAF*[2] *School of Music* ta' Uxbridge. Huwa ngħata wkoll żewġ ċertifikati tassew prestiġjużi mill-istess skola.

Lura Malta, huwa daħal fl-*RAF* biex jieħu t-tmexxija tal-Banda, u dam imexxieha għal tnejn u għoxrin sena sħaħ. Huwa kien ukoll Surmast-direttur ta' diversi baned fosthom, il-Banda 'San Filep' ta' Ħaż-Żebbuġ, il-Banda 'Melita' tal-Imsida, il-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun, u l-Banda 'L'Isle Adam' tar-Rabat. Ta' min jgħid li s-Surmast Philip Gatt beda l-karriera ta' diretur tal-baned sa minn età żgħira bħala assistent ta' missieru.

Xi xogħlijiet sbieħ tas-Surmast Philip Gatt:

| Data | Isem | Tip ta' xogħol |
|---|---|---|
| | | |
| 1953 | ***Jeunesse*** | Sinfonia |
| 1961 | ***Argyria*** | Intermezz sinfoniku |
| 1968 | ***The Village Fiesta*** | Fantasia |

[1] **A**ssociate of the **R**oyal **C**ollege of **M**usic.
[2] **R**oyal **A**ir **F**orce.

| | | |
|---|---|---|
| 1969 | ***A Man's Life*** | Suite |
| 1979 | ***Silver Anniversary*** | Concert Waltz |
| 1988 | ***A Silver Monument*** | Preludju |
| 1990 | ***The Battle of Britian 1940*** | Tone Poem |



Ta' min isemmi wkoll il-marċ ***A Small Big Step*** (1970) li huwa ddedika lill-ewwel astronawti Amerikani li kienu niżlu fuq il-qamar. Illum il-ġurnata, dal-marċ jinsab merfugħ għand in-NASA[3], Houston, f'Texas.

In-nannu ta' Philip miet il-Ħamis 16 ta' Novembru 1995.

Koordinatur tal-artiklu: Is-Sur Manoel Pirotta, għalliem tal-mużika.

[3] **N**ational **A**eronautics and **S**pace **A**dministration.